Kunsill Reġjonali Ċentru

MINUTI`

Laqgħa tar-Reġjun Numru 54

# IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 54

Il-Ħamis 30 ta' Settembru, 2021

Il-Kunsill Reġjonali Ċentru ltaqa' onlajn permezz tal-programm Microsoft Teams, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI ONLAJN:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard
Is-Sur Gianluca Falzon – Viċi Sindku Santa Venera
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sa Graziella Attard Previ – Viċi Sindku tas-Sliema
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sur Trevor Fenech – Viċi Sindku San Ġwann
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa. Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Keith Tanti –Sindku Pieta'

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Dott. Angelo Micallef - Sindku Ħal Balzan

ASSENTI

Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

## 54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

53.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Ħal Balzan, Dott. Angelo Micallef, kif ukoll mingħand is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, sabiex jinfurmawna li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa.

54.1.2 Il-membri preżenti aċċettaw din l-apoloġija.

54.1.3 Il-President informa lill-membri preżenti kif għal din il-laqgħa huwa kien estenda l-istedina għall-laqgħa tal-llum lis-Sindki jew rappreżentanti mit-tliet Kunsilli Lokali li għandhom jingħaqdu mal-maġġoranza tal-lokalitajiet meta jidħol Reġjun Lvant fis-seħħ.

54.1.4 Is-Sur Fenech Adami spjega kif illum kienet preżenti magħna l-Viċi Sindku ta' Swieqi, is-Sa MaryAnne Abela, u informa lill-membri li s-Sindku ta' Ħal Għargħur, is-Sa. Helen Gauci, ma setatx tattendi.

## 54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

54.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 53 li saret nhar il-Ħamis 26 ta' Awwissu 2021 kienu meħuda bħala moqrija.

54.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, u sekondati mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli.

54.2.3 Il-President talab sabiex ngħaddu għal punt 54.7 u fuq qbil mill-membri preżenti, is-Sur Fenech Adami stieden lis-Sa. Kim Dalli sabiex tindirizza lill-membri.

## 54.7 Preżentazzjoni minn Idea Malta – Diploma in Public Management and Governance, u M.Sc in Governance and Management

54.7.1 Is-Sa. Kim Dalli irringrazzjat lil President talli kienu mistidnin għal din il-laqgħa u tat spjegazzjoni fid-dettal dwar dawn iż-żewġ korsijiet li qed jiġu offruta.

54.7.2 Il-President irringrazzja lis-Sa. Dalli u qal li kien wasal iż-żmien li r-Reġjun għandu jgħin b'mod finanzjarju biex jekk hemm xi impjegati mill-Kunsill Lokali u tar-Reġjun li huma nteressati għandhom jiġu mgħotija din l-għajnuna ġaladarba jkunu komplew il-kors.

54.7.3 Is-Sur Fenech Adami qal ukoll li wieħed irid iżomm f'moħħu d-dati ta' meta ser jibdew iż-żewġ korsijiet.

54.7.4 Kien hemm qbil sabiex jiġi organizzat sessjoni ta' informazzjoni b'mod onlajn kemm għall-kunsilliera kif ukoll għas-Segretarji Eżekuttivi u impjegati.

54.7.5 Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti sabiex ir-Reġjun jiffinanzja l-kumplament tal-pagament wara li jkun tnaqqas ir-rimborz mill-Get Qualified, mill-AKL u mid-Dipartiment għal Gvern Lokali.

54.7.6 Il-President, is-Sur Fenech Adami, irringrazzja lis-Sa Dalli kif ukoll il-kollega tagħha li kienu preżenti għal din il-laqgħa u talab l-approvazzjoni tal-membri sabiex inkunu nistgħu ngħaddu għall-item punt 54.6.

54.7.7 Fuq qbil mill-membri, il-President ippreżentat lill-Uffiċjal ġdida li bdiet taħdem mar-Reġjun mil-1 ta' Settembru 2021 u stiedinha sabiex ikollha l-opportunità tintroduċi lilha nnifisha u tagħti idejat dwar proġetti kulturali.

## 54.6 Introduzzjoni mingħand l-Uffiċjal Reġjonali tal-Kultura – is-Sa. Nikki Demajo Albanese

54.6.1 Is-Sa Demajo Albanese irringrazzjat lis-Sur Fenech Adami u ndirizzat lill-membri preżenti sabiex taqsam ftit mill-ideat tagħha fuq proġetti li jistgħu jsiru fil-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun.

54.6.2 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ġibed l-attenzjoni tal-membri dwar innuqqas ta' rispons li qed ikun hemm mill-Kunsilli Lokali.

54.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Jeanette Galea, żiedet tgħid li din l-uffiċjal kienet bagħtet emejl sabiex tiltaqà mal-Kunsilli Lokali, b'mod speċjali mas-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku jew il-Kunsillier responsabli mill-kultura. S-Sa. Galea spjegat li tliett Kunsilli Lokali biss għamlu kuntatt magħħa.

54.6.4 Il-President spjega li l-membri għandhom jieħdu nota dwar dan u jikkuntatjaw lis-Sa Demajo Albanese sabiex tkun tistà tgħin lill-Kunsilli Lokali fuq idan il-qasam.

54.6.5 Is-Sa. Demajo Albanese tat spjegazzjoni dettaljata dwar il-proġetti li għandha f'moħħa u rringrazzjat lil President kif ukoll lil membri preżenti ta' l-istedina.

## 54.3 Komunikazzjoni mill-President

- ***Laqgħa fuq Escooters***

54.3.1 Il-President informa lill-membri preżenti dwar il-laqgħa li nżammer nhar it-Tnejn 6 ta' Settembru 2021 fejn għaliha kienu preżenti rappreżentanti mill-kumpanija Bolt, Whiza, E-Movement. Sfortunatament ma kelna l-ebda dettalji dwar il-kumpanija BIRD pero saret komunikazzjoni magħhom wara din il-laqgħa peress li ġejna mgħotija d-dettalji tal-kuntatt tagħhom waqt il-laqgħa minn wieħed mir-rappreżentanti.

54.3.2 Il-President żied jgħid kif din il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju aministrattiv tar-Reġjun u għal din il-laqgħa kien hemm preżenti s-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, il-Viċi Sindku tas-Swieqi, is-Sa. Maryanne Abela, flimkien s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun.

54.3.3 Waqt din il-laqgħa, il-membri qablu sabiex jerġgħu jiltaqgħu u jiddiskutu l-liġi relatata ma' dawn l-*kick scooters* u idealment ikun hemm għajnuna minn xi ħadd professjonali li jifhem f'dan il-qasam. Aġġornament dwar dan ser jingħata aktar 'l quddiem.

- ***Għeluq ta' toroq quddiem l-iskejjel***

54.3.4 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, għamel referenza għal pożizzjoni tal-pulizija ma' l-iskejjel tal-gvern u qal kif hu talab direzzjoni mingħand l-Eks Kummissarju jekk il-pulizzja humiex obligati bil-liġi li jassistu lill-iskejjel tal-primarja.

54.3.5 Fil-ligi hemm miktub li bilfors iridu jkunu preżenti u jieħdu ħsieb it-traffiku fl-iskejjel tal-primarja.

54.3.6 Is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, żied jgħid ukoll li meta hu kien iċċekja dwar dan is-suġġett, hu kien mgħarraf li l-Kunsilli Lokali għandu jara li hemm it-tabelli neċessarji fejn tkun qed tavża lis-sewwieq qiegħed javviċina skola.

54.3.7 Is-Sur Cordina żied jgħid li meta hu kien talab direzzjoni mingħand il-Puliżija, huma kienu qalulu li l-għeluq tat-Triq quddiem l-iskola hija responsabilita tal-Kunsill Lokali u għal din ir-raġuni, il-Kunsill għandu jġib uffiċjal tal-komunità u li jkun imħallas mill-Kunsill Lokali wkoll u dan huwa piż finanzjarju fuq il-Kunsill.

54.3.8 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, informa lill-membri li hu wkoll tkellem ma' l-Edukazzjoni, LESA, l-ispettur ta' Birkirkara u lis-Supretendent u weġbuh li hemm kwistjoni tal-pulizija. L-edukazzjoni talbu lil Kunsill sabiex iġibu l-uffiċjal komunitarju.

54.3.9 Is-Sur Cordina żied jgħid li l-iskola mhux obbligata li tieħu ħsieb din il-problema.

54.3.10 Il-membri preżenti komplew diskussjoni qasira relatat ma dan is-suġġett u kien hemm qbil li kull Kunsill Lokali jara li hemm s-sinjali adekwata u kif inhu mistenni minnhom.

- ***Il-Proġett Nudging Active Travel***

54.3.11 Il-President informa lill-membri preżenti fuq l-ewwel *workshop* li nżamm nhar l-Erbgħa 22 ta' Settembru 2021 ġewwa l-Urban Valley Resort, San Ġwann.

54.3.12 Is-Sur Fenech Adami spjega kemm kien interessanti dan il-*workshop* u kif għandhu jinżamm ieħor f'post ieħor fil-ġimgħat li ġejjin.

54.3.13 Is-Sur Fenech Adami talab lill-membri sabiex ikun hemm aktar koperazzjoni billi jgħinu fl-għarfien ta' dawn il-workshops billi jtellgħu l-avviż fuq il-paġni uffiċjali tal-Facebook tal-Kunsill Lokali tagħhom.

- ***Proġett – Tours Virtwali***

54.3.14 Il-President informa lill-membri preżenti kif is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tablet direzzjoni mid-Dipartiment u ġiet infurmata li l-kuntratti li għandhom isiru ma' kull Reġjun għandhom isiru wara li tkun saret il-bidla tar-Reġjuni f'Jannar 2022. Dawn il-kuntratti qedin jiġu ppreparati mill-avukat tar-Reġjun, Dott. Sladden.

54.3.15 Il-President żied jgħid ukoll kif mit-taqsima tal-*procurement,* dan ir-Reġjun ġie infurmat li s-sejħa ta' offerti għal dan il-proġett għandha tiġi ppublikata fuq is-sistema ta' l-EPPs minn Jannar 2022 wkoll u kif l-ammont għandu jirrifletti l-ispiża tal-kuntratt, irrelevanti min ser joħroġ l-ispejjeż.

54.3.16 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid ukoll li fejn ikun hemm Reġjuni li ma jkunux jidħlu fil-proġett bħala Reġjun, din l-istedina għandha tkun offruta lill-Kunsilli Lokali b'mod individwali.

- ***Skema Finanzjarja Reġjonali - A.E.D.***

54.3.17 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq proposta sabiex tinħareġ skema finanzjarja mir-Reġjun sabiex kull Kunsill Lokali jkun jistà jixtri magna tal-A.E.D u titpoġġa fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsilli Lokali.

54.3.18 Is-Sur Fenech Adami spjega kif għal dan il-għan, ir-Reġjun talab kwotazzjonijiet li fiha jkun jinkludi l-apparat, it-training neċessarju, kif ukoll garanzija ta' tliet snin.

54.3.19 Is-Sur Fenech Adami ppreżenta l-kwotazzjonijiet miġbura fuq ħmistax-il waħda, peress li tnejn minnhom għandhom jitwaħlu għand ir-Reġjun – waħda fl-uffiċċju amministrattiv u oħra it-Tribunal Lokali.

54.3.20 Il-President qal ukoll li kull Kunsill Lokali jistà jimxi ma' l-orħos offerta produta mir-Reġjun jew inkella ma' fornitur li jippreżenta prezz l-istess jew orħos jew ukoll kundizzjonijiet oħra.

54.3.21 Il-membri preżenti approvaw iż-żewġ AEDs għar-Reġjun u din l-iskema speċjalment sabiex it-training isir lil kulħadd flimkien.

- ***Skema Finanzjarja Reġjonali – Tiżjin tal-Milied 2021***

54.3.22 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippropona sabiex terġa tinħareg skema finanzjarja mir-Reġjun sabiex il-Kunsilli Lokali jingħataw sa massimu ta' €3,000 f'rimborż għal kiri jew xiri għal tiżjin tal-Milied.

54.3.23 Is-Segretarju Eżekuttiv fakret lil dawk preżenti li d-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni kien infurmana bil-miktub li kull skema finanzjarja maħruġa mir-Reġjun għandha tkun magħluqa sa tmiem is-sena u

minħabba f'hekk, kull document mitlub għal rimborż għandhom jaslu għand ir-Reġjun sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 10 ta' Diċembru 2021.

54.3.24 Il-membri preżenti approvaw din l-iskema finanzjarja b'mod unanimu.

## 54.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

54.4.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, staqsa lill-membri preżenti jekk kienx hemm xi domandi li xtaqu jressqu.

54.4.2 Peress li ma kien hemm l-ebda domanda mressqa, il-President ipproċeda ma' l-aġenda.

## 54.5 Rapporti

54.5.1 Il-President informa lill-membri li dan ir-Reġjun irċieva l-*Management Letter* mingħand l-awdituri, Garnt Thornton, u kopja ta' dan kienet intbagħtet lill-Kunsilli Lokali kif ukoll lill-membri permezz ta' emejl flimkien ma' l-aġenda u l-minuti tal-laqgħa.

54.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentant ukoll ir-risposta għal din il-*Management Letter* li kienet ġiet ippreparata minna flimkien ma' l-Accountant tar-Reġjun, is-Sa. Romina Perici Ferrante u kif din kienet intbagħtet aktar kmieni dakinhar permezz ta' emejl ukoll.

54.5.3 Peress li ħadd mill-membri ma kellu mistoqsija dwar dawn ir-rapporti, r-risposta ġiet approvata b'mod unanimu mill-membri preżenti.

## 54.8 Każ DLG50/2021 -Vann mixtri mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara mill-Fond għall-Innovazzjoni Komunitarja

54.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif id-Direttur, is-Sa. Clare Bugeja, infurmatna li l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara għamel kuntratt mal-fornitur li kellha tissuplixxi l-vann sabiex jitħallas pagament ta' €4985.50 kull xahar u għal perjodu ta' erbgħa xhur. L-ewwel pagament għandu jasal għand il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara fit-30 ta' Settembru 2021 u dan il-pagament għandu jiġi mgħoddi immedjatament lir-Reġjun sabiex ir-Reġjun ikun jistà jirrifondieh lura lid-Dipartiment.

54.8.2 Il-President spjega wkoll kif dan ir-Reġjun fl-ebda ħin ma xtaq li jintilfu dawn il-fondi u kif saħansitra ir-Reġjun staqsa bil-miktub lid-Direttur, is-Sa Marisa Pisani, jekk ikunx possibli jinxtara vann ieħor wara li jkunu nġabru l-pagamenti mingħand l-ewwel kuntrattur. Pero din it-talba ma ġietx milquha peress li l-aħħar data ta' għeluq kienet diġa ġiet estiża u finali.

54.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li jekk hemm xi fehim għaddej bejn il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u l-fornitur flimkien mad-Diviżjoni, dan ir-Reġjun mhu infurmat fuq xejn u mhux ser tintrefa l-ebda responsabilità minn dan ir-Reġjun.

54.8.4 Il-President żied jgħid ukoll kif kien hemm laqgħa tal-Kunsill imsejħa b'urġenza dwar dan il-każ fejn fiha ma kinitx preżenti s-Sindku pero kien hemm ftehim li l-fornitur kien ser jissuplixxi l-Kunsill b'vann ieħor sa tmiem il-ġimgħa biex b'hekk ma jkunx hemm passi legali kontrieh.

54.8.5 Il-President qal ukoll kif hu talab sabiex id-Diviżjoni tieħu l-passi neċessarji u għal din ir-raġuni ser tinżamm laqgħa bejn is-Segretarji Eżekuttivi flimkien mad-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, u mad-Direttur tal-Monitoraġġ u Sapport, is-Sur Christopher Galea.

## 54.9 Skema Finanzjarja 2/2021 – Servizz ta' Tagħlim fil-Mużika Mgħotija mill-Każini tal-Baned fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Ċentru

54.9.1 Il-President fakkar kif fil-laqgħa annwali Ġenerali tar-Reġjun kien hemm proposta mressqa minn Kunsillier sabiex ir-Reġjun joħroġ skema finanzjarja lill-baned li jinsabu fi ħdan ir-Reġjun. Hu spjega kif waqt il-pandemija dawn il-każini li jipprovdu servizz bla ħlas lill-istudenti tagħhom ġew effetwati ħafna u hija ħasra li din it-tradizzjoni ma tinżammx ħajja fil-lokalitajiet tagħna.

54.9.2 Is-Sur Fenech Adami spjega kif kull għaqda tal-banda tistà tapplika għal din l-iskema pero trid tkun pareti mir-Regjun, tkun irreġistrata bħala NGO, ikollha l-accounts aġġornati u bil-konferma, u ċertifikazzjoni tas-surmast b'minimu ta' Grad 6 fil-mużika.

54.9.3 Il-President qal ukoll kif ftit tal-ġimgħat ilu, l-Gvern ħareġ skema finanzjarja għall-każini sabiex ikun hemm għajnuna finanzjarja fuq ir-restawr tal-faċċati. Hu spjega kif hu ħa ħsieb li jibgħat emejl b'din l-informazzjoni kollha sabiex jaċċerta li l-każini fi ħdan ir-Reġjun huma nfurmati b'din l-iskema kif ukoll sabiex iħeġġihom japplikaw fiż-żmien stipulat.

54.9.4 Is-Sur Fenech Adami spjega li kull Kunsill Lokali għandu jieħu ħsieb jiġbor id-dokumenti mitlub minn dan ir-Reġjun għar-rimborż sa massimu ta' €2,000 kull każin tal-banda.

54.9.5 Is-Sur Max Zammit staqsa jekk jistax jiftihem ma' każin ieħor sabiex jieħu l-fondi peress, li fil-każ tal-lokalità tiegħu, ma hemm l-ebda każin.

54.9.6 Kien hemm diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar dan u kien hemm qbil li l-persuna jrid ikun jgħix f'waħda mill-lokalità fi ħdan ir-Reġjun flimkien mad-dokumenti msemmija qabel. Kien hemm qbil ukoll li jekk il-lokalità għandha studenti interessati, jistà jkun hemm ftehim mal-Kunsill li għandu l-każin tal-banda sabiex jibbenifika minn din l-iskema wkoll.

## 54.10 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Kunsill Lokali Santa Venera*

54.10.1 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex il-fondi minn skema 6/2020 tintuża sabiex nhar il-Ġimgħa 24 ta' Settembru 2021 tiġi organizzata attivita kulturali ġewwa Misraħ Santa Venera u jkun hemm parteipazzjoni ta Red Elektric u l-Versatile.

54.10.2 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard*

54.10.3 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex il-fondi minn Skema 1/2021 isiru korsijiet mingħand it-TCTC peress li hu provda l-orħos kwotazzjoni.

54.10.4 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

54.10.5 Il-President spjega kif dan il-Kunsill talab ukoll sabiex tinxtara vettura koperta bi tliet kwotazzjonijiet għall-ammont ta' €5,800 mill-fondi tar-Reġjun fi ħdan il-Kunsill.

54.10.6 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali Birkirkara*

54.10.7 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex il-fondi minn Skema 1/2021 jintużaw biex isiru korsijiet ta' l-ECDL mingħand CMC Training Centre li kienet l-orħos kwotazzjoni provduta. Is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun infurmat lis-Sindku li din it-talba għandha tiġi approvata diment li t-tliet kwotazzjonijiet miġbura jiġu approvati b'mod uffiċjali fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali li jmiss nhar it-Tnejn li ġej.

54.10.8 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali Sliema*

54.10.9 Dan ir-Reġjun irċieva emejl mingħand il-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema sabiex il-fondi minn Skema 1/2021 jintużaw sabiex il-Kunsill joffri taħriġ lill-anzjani dwar l-użu tal-kindle books li ser ikunu qed jiġi provduta mill-Kunsill Lokali. (komunikazzjoni annessa).

54.10.10 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali San Ġwann*

54.10.11 Il-President ressaq talba mingħand dan il-Kunsill sabiex il-fondi minn Skema 8/2020 jintużaw għal ħlas ta' *trophies* li ġew ippreżentati lil San Gwann FC Nursery li nżammet fit-3 u 8 ta' Settembru 2021. L-ammont ta' din l-ispiża kien ta' €2,000.

54.10.12 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

54.10.13 Il-President ressaq ukoll talba oħra sabiex il-fondi taħt skema 1/2020 jintużaw sabiex:

- €8,000 sabiex jinxtraw u jiġi nstallati 3 CCTVs fi tliet ġonna publiċi (St Margerita, Karen Grech and G M Camilleri). Diġa nħarġet sejħa ta' offerti u l-bord ta' l-evalwazzjoni ser jiltaqa fil-ġranet li ġejjin sabiex jintagħżel il-kuntrattur.
- €5,000 – Kiri ta' vettura sabiex il-Kunsill Lokali jkun jistà jipprovdi servizz ta' transport lill-anzjani u nies b'diżabilità. Il-Kunsill ġabar tliet kwotazzjonijiet u ġiet approvata l-orħos offerta.
- €2,000 – sabiex jinxtraw 4 stands tal-ħadid bl-informazzjoni sabiex jitpoġġew quddiem 4 kappelli medjevali. S'issa inġabret kwotazzjoni waħda u qed jippruvaw jinġabru 2 oħra.
- €5,000 – sabiex jinxtraw 15 cast iron cigarette and gum bins bħal ma kienu ġew iffinanzjati mir-Reġjun u nxtraw lill-istess fornitur.
- €5,000 – Tiswijiet fil-bankina sabiex tkun aktar aċċessibli. Il-Kunsill Lokali ġabar 3 kwotazzjonijiet u l-orħos offerta ġiet magħżula.
- €5,000 – sabiex jinxtara u jiġi nstallat sistema tas-*sound* fil-knisja parrokjali.
- €3,000 euro – Proposta ta' disinn u tpinġijiet sabiex isiru xogħlijiet fil-librerija pubblika tal-Kunsill. Minħabba li din hija ta' natura artistika, ma ntalbu l-ebda kwotazzjonijiet u l-Kunsill jitlob kwotazzjoni minn sors kompetenti.

54.10.14 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

54.10.15 Il-President ressaq fuq il-mejda talba oħra mingħand dan il-Kunsill sabiex mill-fondi taħt skema 10/2020 jintużaw sabiex tinxtara u tiġi installata statwa tal-Madonna ta' Lourdes fi Triq il-Kappella. Saret mill-fondi tal-Kunsill Lokali biss. L-istatwa lesta pero għadha trid tiġi inawgurata. L-ammont ser ikun ta' €3,000.00.

54.10.16 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Proġetti Komunitajiet (Proġetti 2022)*

54.10.17 Il-President ressaq fuq il-mejda l-korrispondenza mingħand l-Aġenzija LESA li qed tinforma lill-Kunsilli Reġjonali u Loklai li qed tiftaħ it-tieni sejħa għal din l-iskema u l-proġetti jkunu jistgħu jinżammu fl-2022.

54.10.18 Is-Sur Fenech Adami ressaq il-proposta tal-kunċett Mobile Library – billi napplikaw taħt Punt 2 – Trasport Alternattiv u Iktar Nadif – ir-Reġjun għandu japplika sabiex tinxtara vettura ta' l-elettriku sabiex din titranġa u tiġi librerija. Kif din tkun kompluta, r-Reġjun ikollu jingaġġa xufier biex idur biha fil-lokalitajiet permezz ta' skeda. Din il-librerija tkun tistà tieqaf quddiem skejjel, ġonna pubbliċi u djar ta' l-anzjani. Apparti minn hekk, jkunu jistgħu jsiru attivitajiet marbuta mal-qari biex nippromovu l-qari.

54.10.19 Il-membri preżenti approvaw din il-proposta b'mod unanimu.

- *Żjara fil-Muniċipalità ta' Arrecife-Lanzarote*

54.10.20 Il-President spjega kif, hekk kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa, is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun talber direzzjoni dwar jekk ikunux jistgħu jattendu żewġ sindki minflok Sindku u Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Robert Tabone infurmana li qed jistaqsi dwar dan u kif ikollna komunikazzjoni ser tiġu aġġornati.

- *Ċirkulari AKL 2021/84 CSR Event*

54.10.21 B'referenza għal din iċ-ċirkulari, il-President spjega kif kull Reġjun ġie mitlub jinnomina organizzazzjoni idealment li tkun topera fir-Reġjun stress. Wara li jiġu mressqa dawn in-nominazzjonijiet, l-AKL flimkien mar-Reġjun ser tkun qed tiltaqà ma' l-organizzazzjoni sabiex jaraw il-bżonnijiet u jiġu ffinanzjati xi wħud mit-talbiet. Din l-inizjattiva ser tkun qed issir matul ix-xahar ta' Novembru.

54.10.22 Il-maġġoranza tal-membri qablu li l-organizzazzjoni għandha li tieħu ħsieb it-tfal żgħar u għal din ir-raġuni ġie magħżula St Patrick's School and Residential Care, Sliema. Għal dan il-għan, is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tinforma lill-AKL dwar din id-deċiżjoni.

- *Partnership fuq ir-rotta tal-feniċi*

54.10.23 Il-President ressaq fuq il-mejda emejl mingħand l-AKL sabiex ir-Reġjun jħallas *membrship fee* ta' sena, li hija €2,000 ,u kif din għandha tinqasam bejn l-AKL u l-ħames Reġjuni. B'hekk ir-Reġjun għandu joħroġ is-somma ta' €333.33.

54.10.24 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Pagament mingħand l-Aġenzija LESA*

54.10.25 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar it-Tlieta 14 ta' Settembru 2021 dan ir-Reġjun irċieva r-rabà pagament mingħand il-LESA għar-rimbors ta' l-ispejjeż relatati mat-Tribunal. L-ammont huwa ta' €48,845.09.

- *Talba għall-Akkumulazzjoni ta' Vacation Leave mis-Segretarju Eżekuttiv*

54.10.26 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda t-talba mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sa. Jeanette Galea, sabiex jiġu akkumulati erbgħin siegħa ta' *vacation leave* għas-sena 2022

54.10.27 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

## 54.11 Vakanza Għal Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali tar-Reġjun – Skala 13 (Full Time)

54.11.1 Il-President spjega kif fl-aħħar sejħa li ġiet ippublikata nhar il-Ġimgħa 20 ta' Awissu 2021 għalqet nhar il-Ġimgħa 3 ta' Settembru 2021. L-intervisti nżammu nhar l-Erbgħa 15 ta' Settembru 2021 u kien hemm qbil bejn il-membri sabiex persuna tkun magħżula għal din il-pożizzjoni. Madanakollu meta is-Segretarju Eżekuttiv iċċekjat mad-Dipartiment dwar il-kwalifi, irriżulta li dan m'għandux jiġi magħżul minħabba li m'għandux l-kwalifiki neċessarji ta' l-A levels. Għal din ir-raġuni jrid jintagħżel il-persuna li ġie fit-tieni post u li għandu l-kwalifiki kollha meħtieġa.

54.11.2 Il-membri preżenti approvaw din id-deċiżjoni.

## 54.12 Vakanza għal Skrivan fuq Skala 15 bażi *Full Time*

54.12.1 Il-President spjega kif matul din is-sena l-volum ta' kontravenzjonijiet li qed jinstemgħu fit-Tribunal Lokali żdied u għal din ir-raġuni nħasset il-ħtieġa sabiex issir sejħa interna u impjegata li fil-preżent qedha fuq bażi part time tiġi għal bażi full time. Jekk ikun hemm approvazzjoni dwar dan, is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun ser tkun tista toħroġ sejħa interna.

54.12.2 Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti dwar dan.

## 54.13 Ingaġġar ta' Uffiċjali mal-Kunsilli Reġjonali

54.13.1 Il-President informa lill-membri preżenti li s-Sa. Nikki Demajo Albanese aċċettat il-pożizzjoni ta' Uffiċjal Kulturali u kif bdiet l-impjieg tagħha nhar l-Erbgħa 1 ta' Settebru 2021.

54.13.2 Madanakollu l-President informa lill-membri wkoll kif l-unika applikant li kien preżenti għall-intervista għall-pożizzjoni ta' Uffiċjal tal-Proġetti ma aċċettax u għal din ir-raġuni d-Diviżjoni kienet infurmata dwar dan sabiex terġa tinħareġ sejħa oħra.

## 54.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

54.14.1 Is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, sekondat mill-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 49A u 49B.

54.14.2 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 54.15 Mozzjonijiet

54.15.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 54.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

54.16.1 Il-laqgħa intemmet fit-19:30 ta’ filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 21 ta’ Ottubru, 2021 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 21 ta’ Ottubru, 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |